MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru 107/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**

**KONTRA**

**STEPHEN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Zammit ta' 31 sena, bin Herman u Connie nee' Degiorgio, mwieled nhar it-28 ta' April 1975, u residenti fil-fond 182, Triq l- Imsida, B'Kara, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 315975(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli :

1) Nhar il- 15 ta' Marzu 2006 f' xi hin wara nofs in-nhar, fi Triq ir- Rand, Attard, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe arloggi u flus minn vettura ta' ghamla Peugeot 206 bin- numru tar- registrazzjoni BBN 725, liema serq hu kwalifikat bix- xorta tal- haga misruqa u valur li jaccedi l- mittl lira Maltin liema serq sar ghad-detriment ta' Chiara Licari minn Attard;

2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe vettura ta' ghamla Peugeot 206 bin- numru tar- registrazzjoni BBN 725, liema hsara taccedi Lm50 (hamin lira Maltin) u li sar ghad- detriment ta' Chiara Licari minn Attard;

3) U aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

4) Finalment akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill- Qorti tal- Magistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza jittratta serq ta’ diversi oggetti personali minn go vettura, allegatament kommess mill-imputat. Il-vettura tat-tip Peugeot 206 bin-numru BBN 725, proprjeta’ ta’ Chiara Licari, kienet ipparkeggjata fi Triq ir-Rand, Attard, vicin tal-Bank of Valletta, fid-data u l-hin indikati. Ir-rapport tal-okkorrenza huwa esebit a Fol. 35 et seq tal-process, u jelenka l-oggetti misruqa u l-hsara li saret fuq il-vettura. Sa dan l-istadju ta’ investigazzjoni, hadd ma gie identifikat jew suspettat li seta’ wettaq din is-serqa. Fil-frattemp gew elevati xi impronti digitali mill-vettura, u wara aktar stharrig tressaq l-imputat biex iwiegeb ghal din is-serqa.

Mill-provi prodotti irrizulta li l-uniku prova li hemm li torbot lill-imputat ma’ din is-serqa hija impronta digitali li nstabet fil-vettura u li tappartjeni lill-imputat. Il-prosekuzzjoni esebiet sett ta’ “lifters” ta’ impronti digitali elevati mill-vettura, a fol. 32 tal-process, kif ukoll sett ta’ “ten print form” tal-imputat li kienu jiffurmaw parti mill-kollezzjoni ta’ impronti digitali proprjeta’ tal-Pulizija, esebita a fol. 42. Sussegwentement il-Qorti innominat espert sabiex jezamina l-“lifters” esebiti u jqabbilhom mat-“ten print form” tal-imputat. Minn dan l-esami komparattiv, hekk kif indikat fir-rapport tal-istess espert esebit a fol. 50 *et seq.* tal-process, irrizulta li kien hemm qbil bejn impronta digitali, u ghalhekk il-Qorti tikkonkludi fuq il-lok tas-serqa instabet impronta tal-imputat.

Ghalkemm din hija l-unika prova kontrih, fil-fehma tal-Qorti din hi sufficjenti biex tinstab htija. L-imputat ma cahadx din il-prova u l-anqas ta spjegazzjoni kif tali impronta digitali nstabet fil-vettura minn fejn insterqu l-oggetti indikati. Ta’ xejn jargumenta l-imputat li d-derubata ma xehdetx f’ dawn il-proceduri. Semmai kien jispetta lilu li jispjega kif instabet impronta digitali tieghu gewwa vettura li maghha m’ghandu x’jaqsam xejn u li kienet ghadha kemm giet sgassata u nsterqu oggetti minnha. Izda l-imputat ghazel li ma jixhedx f’din il-kawza, u ghalhekk ma rnexxielux jiskolpa ruhu minn dan ir-reat. Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fl-imputat ghall-imputazzjoni ta’ serq.

Ghar-rigward tal-piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, li assolutament m’hix wahda felici. Sa mill-1991 inghata diversi “conditional discharges” u ordnijiet ta’ probation, kif ukoll kundanni ta’ prigunerija kemm sospiza kif ukoll effettiva, u baqa’ jippersisti f’attivita’ kriminali. Ghalhekk il-piena f’dan il-kaz ser tkun wahda ta’ prigunerija effettiva. Ghal fini ta’ komputazzjoni tal-piena, il-Qorti tirrileva li t-tieni imputazzjoni hija mezz ghall-fini tal-ewwel u ghalhekk jista’ jkun hemm assorbiment tal-piena. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni, din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha, u kwantu ghar-raba’ imputazzjoni, din ma rrisultatx ippruvata.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271 (g), 325 (1) (b), 334, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati tal- ewwel u t- tieni imputazzjonijiet, u tikkundannah terminu ta’ sena prigunerija.

Il- Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat- tielet imputazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel;

Ma ssibux hati tar- raba imputazzjoni u tilliberah minnha.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------